GĦASRI

**Kunsill Lokali Ghasri**
**6 Triq Dun Karm Caruana, Għasri, Għawdex.**
**(Tel. No. 21558686 - Fax No. 21558655)**

*Ref. Nru. VI/27*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 27 tal-Kunsill Lokali Għasri (is-Sitt Terminu), li nżammet nhar il-Ħamis, 29 ta' Lulju 2010 fit-8.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgha kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri ohra tal-Kunsill li kienu preżenti :

Is-Sur Emmanuel Mintoff (Vici Sindku)
Is-Sur Frank Formosa
Is-Sinj. Renance Vella Aquilina
Is-Sur Joseph Farrugia

**I. Talba**
Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju qal it-talba.

**II. Minuti**
**1. Approvazzjoni**
Quddiem il-Kunsill tressqu l-Minuti ta' l-aħħar Seduta Nru. 26. Peress li l-minuti kienu tqassmu qabel il-laqgħa, dawn ġew meħuda bħala moqrija.

**2. Emendi**
Ghal dawn il-minuti ma tressqux emendi u għalhekk dawn ġew mehuda bħala korretti kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**III. Materji mill-Minuti**
**1. Appell fuq Tenders tal-Knis u Bulky Refuse**
L-aħħar seduta fuq l-appell li qed iressaq is-Sur Mario Bugeja fuq il-kuntratti tat-tindif tat-toroq u fuq il-ġbir ta' skart goff, inżammet nhar il-Ħamis 15 ta' Lulju 2010 fil-11.00a.m.
Għal din is-seduta kien mitlub jersaq jixhed l-ex Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, s-Sur Natalino Attard.
Is-Sur Attard iżda nforma lill-Bord li hu ma setax jattendi peress li kien qiegħed fuq xogħol amministrattiv tad-Dipartiment tiegħu fil-ħin tas-seduta.
Il-Bord aċċetta t-talba li s-Sur Attard ikun skużat u jersaq jixhed f'seduta oħra.
Fis-seduta tal-15 ta' Lulju, xehed biss is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali. Ix-xhieda tiegħu damet sejra sal-2.00p.m. fejn imbagħad, fuq deċiżjoni tal-Bord, is-seduta kienet diferita għat-tkomplija għal data oħra.
Ix-xhieda kollha mogħtija mis-Segretarju Eżekuttiv qed tinżamm kopja tagħha fil-Kunsill.
Il-Bord ikkonkluda li fix-xahar ta' Awwissu ma jsirux laqgħat u li s-seduta li jmiss tkun appuntata f'Settembru f'ġurnata li għandha tkun iffissata bejn il-partijiet.

**2. Tneħħija tas-Siġar minn Triq il-Fanal**
Il-Kunsill iddeċieda li titressaq l-applikazzjoni quddiem l-awtoritajiet ħalli jitheħħew is-siġar li hemm fil-bidu ta' Triq il-Fanal. Dan hu parti mix-xogħol li għandu jsir fuq il-bankina ħalli jkunu jistgħu jitgħaddew linji ġodda ta' l-elettriku f'din il-parti tat-triq.
**3. Ġemellaġġ**
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li frott il-ħidma u l-kuntatti li hu kellu waqt il-viżita li kellna meta grupp mill-Għasri kienu fuq żjara fl-Awstrija, għandu jiġi fostna s-sid ta' kumpanija li tinvesti fuq stallazzjonijiet ta' sistemi solari u foto-voltajiċi.
Hu se jkun akkumpanjat minn persuni esperti f'dan il-qasam u se jkunu qed jistudjaw il-potenzjal li jista' joffri pajjiżna fuq l-enerġiji alternattivi.
Is-Sindku qal li se nippruvaw illi meta din id-delegazzjoni tkun Għawdex, isiru l-arranġamenti ħalli jinżammu laqgħat ma' rappreżentanti mill-Ministeru għal Għawdex u wkoll minn uffiċċjali mill-Enemalta. Laqgħa oħra qed tkun ippjanata li tinżamm għas-Sindki kollha ta' Għawdex, kif ukoll laqgħa ma' uffiċċjali mill-Ministeru għall-Enerġija, l-Ambjent u Żvilupp Rurali.

**IV. Korrispondenza**

i. Il-MEPA bagħtet tinforma li kienu tressqu erba' applikazzjonijiet għall-permessi ta' żvilupp fl-Għasri. Dawn huma : fi Triq il-Knisja, fi Triq Wied Sara, fi Triq l-Għasri u l-oħra fi Triq l-Għarb.

ii. L-AKL bagħtet struzzjonijiet fir-rigward tal-funeral ssstatali tal-President Emeritus Prof. Guido DeMarco.

iii. Il-President tar-reġjun ta' Għawdex, l-Avv. Samuel Azzopardi bagħat javża li l-ewwel laqgħa se tinżamm nhar il-Ħamis 16 ta' Awwissu 2010 fil-11.00a.m.

iv. L-AKL bagħtet tinforma li l-laqgħa tas-Sindki li kellha ssir f'Settembru 2010 issa ġiet posposta għall-22 u 23 ta' Ottubru 2010 fil-Lukanda Dolmen, f'Buġibba. Ċirkulari oħra mill-AKL informat illi s-Sindku ta' Ħal Qormi, is-Sur Jesmond Aquilina kien maħtur Vici President għar-Reġjun tan-Nofsinhar, filwaqt li s-Sur Joe Attard – Sindku taż-Żejtu, kien maħtur il-Viċi President tar-Reġjun tax-Xlokk.

v. Is-Segretarjat għall-Anzjani u Kura fil-Komunita għadu kemm nieda l-kompetizzjoni Premju Anzjan tas-Sena 2010.

vi. Id-Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali ġibed l-attenzjoni tal-Kunsilli Lokali li l-prezz tad-dokumenti għall-kuntratt tal-ġbir ta' skart fil-lokalita għandu jkun biss bejn il-€100 u l- €150.

vii. Il-President tal-AKL bagħat javża li fl-ebda każ ma għandu Kunsill Lokali jħallas lill-Enemalta aktar minn €233.00 tal-mappi ppreparati ta' kull sena.

**V. Mozzjonijiet**
**1. Laqgħa ma' l-Onor. Dr Chris Said**
L-Onorevoli Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentai għall-Kunsilli Lokali, se jkun qed jagħmel żjara f'dan il-Kunsill nhar il-Ħamis 19 ta' Awwissu 2010.
Is-suġġetti li tressqu mill-Kunsill għad-diskussjoni waqt din il-laqgħa, huma (i) Il-Programm ta' Skola-Sajf organiżżat mill-Kunsill, u (ii) Il-Proġett tal-Pjazza.
Waqt din il-laqgħa ma' Dr Said, għandu jkun diskuss ukoll is-suġġett rigward l-enerġija alternattiva waqt laqgħa li se tkun ippjanata ma' esperti li se jkunu hawn Għawdex fl-istess perijodu.
**2. Skema "Xogħol fil-Komunita"**
L-ETC bagħtet tinfoma lil dan il-Kunsill Lokali li t-terminu ta' sitt xhur fejn persuni li kienu jirreġistraw għax-xogħol, ġew ingaġġati mal-Kunsilli Lokali biex jagħmlu xogħol fil-

lokalita, wasal biex jintemm u għalhekk il-Kunsill kellu jagħti risposta jekk jixtieqx iġedded jew le il-ftehim fuq dan il-programm.
Minn naħa ta’ dan il-Kunsill, għandha tingħata tweġiba li ma konniex se naċċettaw aktar li persuni mill-ETC ikunu mibgħuta f’din il-lokalita.
Dan għaliex it-tlett persuni li kienu ntbagħtu tul din l-aħħar sena ma kienux qed jagħtu sehemhom kif mitlub, anzi kienu ripetutament qegħdin jagħtu eżempju ħażin fuq il-ħidma tal-Kunsill. Għalhekk għandha tintbagħat ittra lill-ETC fejn ninformawhom li m’aħniex qed naċċettaw li nipparteċipaw fl-iskema msemmija.

**VI Materji Ohra**

**1. Talba għal “Reserved Parking”**

Transport Malta għada kemm informat lil dan il-Kunsill li kienet tressqet talba għal parkeġġ riservat minn persuna li toqgħod fi Triq il-Maxrabija, Għasri.
Din it-talba iżda kienet rifjutata minn Transport Malta.

**2. Ilment rigward Ħaxix fit-triq**

Tressaq ilment għal ħaxix u karti li kienu qed jakkumulaw f’parti minn Triq il-Fanal ħdejn il-Bins tas-separazzjoni ta’ l-iskart.
Fuq dan l-ilment ġie ikkuntattjat il-kuntrattur responsabbli u mmedjatament saret l-indafa neċessarja.

**3. Ħmieġ tal-Ħamiem fi Triq Wied Sara**

Persuna li għandha r-residenza fi Triq Wied Sara, ilmentat li hemm ħafna ħamiem jiġġerra barra u li dan qed iħammeġ il-bjut kollha bil-konsegwenza lid an il-ħmieġ imbagħad jispiċċa fil-bjar u joħloq kontaminazzjoni tal-ilma.
Dan l-ilment intbagħat lil-Ministeru għal Għawdex u speċifikament lid-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika.

**4. Tabella fi Triq tal-Fenek**

Tressaq suġġeriment minn resident li joqgħod fi Triq tal-Fenek biex titwaħħal tabella fil-bidu ta’ l-istess triq u li tkun turi li din it-triq ma tkomplix.
Il-Kunsill għandu jara hux possibbli li tintlaqa’ din il-proposta.

**VII. Ħlas ta’ Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta’ pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill.
Kopja ta’ din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar il-Ħamis, 26 ta’ Awwissu 2010 fit-8.00p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fit-9.30p.m.

| | |
|---|---|
| Andrew Vella | Joe Camilleri |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data : ______________